MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 71

20 ta' Ġunju 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 71 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier Patrick Cutajar li kien imsiefer.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 70, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Estensjoni ta' *Industrial All Risks Insurance Policy* (K/1/4/Vol V)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saru kuntatti mal-udituri dwar l-kummenti tagħhom fl-ittra ta' direzzjoni 2011 sabiex jiġi stabbilit liema huma l-aktar assi espost għar-riskji u dawk li mhumiex. Kompla jispjega li mill-lista mressqa fis-seduta preċedenti tħallew sabiex jiġu koperti l-assi elenkati hawn taħt:

| **Proġett** | **Valur** |
|---|---|
| Triq l-Erwieħ Playing Field | €4,673.78 |
| Ġnien l-Għoljiet | €117,361.10 |
| Ġnejnet l-Emigranti Melleħin | €109,397.20 |
| Tas-Salib Playing Field | €53,042.23 |
| Tal-Ibrag Afforestation Project | €127,162.54 |
| Belveder ta' Selmun | €14,267.27 |
| Qasam Barrani Landscaping | €15,021.66 |
| Belvedere ta' Triq l-Assedju l-Kbir | €3,912.70 |
| Ġnien tal-Pellegrini | €25,005.80 |
| Ġnien il-Kenn Soċjali | €141,825.67 |
| Ġnien iż-Żerniq | €190,992.54 |
| Ġnejnet Ħidmet il-Volontarjat (valur attwali) | €234,225.56 |
| Ta` Braġ Family Park (valur attwali) | €363,823.82 |
| Triq Qasam Barrani Soft Area – (valur attwali) | €141,042.84 |
| Triq l-Erwieħ Floodlighting Project | €46,018.03 |
| Qasam ta` Pennellu Improvements (valur attwali) | €55,000.00 |
| | €1,642,772.74 |

2.1.3. Dan it-tibdil ġie mgħoddi lill-Mediterrean Insurance Brokers sabiex jirrevedu l-istima oriġinali. Dawn għamlu r-reviżjoni mitluba u offrew tliet għażliet differenti kif jidher hawn taħt:

***Option A***
- *Premium* Annwali Addizzjonali - *€2,778.92*
- *Excess:10% minimu €100*

***Option B***
- *Premium* Annwali Addizzjonali - *€2,540.73*
- *Excess:10% minimu €175*

***Option C***
- *Premium* Annwali Addizzjonali - *€2,381.93*
- *Excess:10% minimu €225*

Il-*premium* jitnaqqas *pro rata* skont id-data mogħtija mill-Kunsill dwar meta għandha tidħol fil-seħħ il-kopertura mitluba.

2.1.4. Il-Kunsill approva l-addozzjoni ta’ *Option* C.

## 2.2.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

2.2.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-laqgħa tal-Fondazzjoni li saret fil-15 ta’ Ġunju 2012, ġie ppreżentat ir-rapport amministrattiv li jkopri bejn Ottubru 2010 u Ġunju 2012, u flimkien miegħu li tressaq ukoll ir-rapport finanzjarju. Kellu wkoll ikun hemm żewġ elezzjonijiet għall-membri tal-Fondazzjonijiet, waħda għall-membri ġejjin mis-settur pubbliku u l-oħra għas-settur privat. Fir-rigward tal-ewwel ma kienx hemm ħtieġa ta’ elezzjoni, u fil-fatt huwa nħatar bħala membru f’isem il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, flimkien ma’ delegati oħra mill-Imġarr, Ħal Lija u n-Naxxar.

2.2.3. Is-Sindku għarraf ukoll li s-Sinjura Davinia Laferla Turner, f’isem Artemocion Dance Studio u Art Club 2000, ser jibbenefikaw taħt il-Miżura 410 – Appoġġ għall-Infiq Kapitali mis-Settur tas-Snajja u l-Artiġjanat.

2.2.4. Il-Kunsill ġie nfurmat li attwalment għaddej il-proċess min-naħa tal-Awtorita` tat-Tmexxija li jinvolvi spezzjonijiet fit-toroq tal-bdiewa li ġew proposti mill-applikanti, fosthom il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, li qed jiġu mkejla sabiex sussegwentement jsiru *bills of quantities*. Hekk kif jintemm dan il-proċess, l-Awtorita` tinforma lill-Fondazzjoni liema huma dawk it-toroq li huma eliġibbli taħt din il-miżura u l-fondazzjoni tinforma lill-applikanti. Sussegwentement issir sejħa fejn dawk l-applikanti li esprimew l-interess tagħhom jistgħu japplikaw għal dawk it-toroq li huma eliġibbli biss.

2.2.5. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

## 2.3.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.3.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti. Huwa spjega li n-numru ta’ dwal fuq l-arbli jeħtieġ li jonqos peress illi ser ikun hemm id-dwal tal-funtana, filwaqt li ser jonqos ukoll in-numru ta’ aperturi li ser jinbidlu, għaliex hemm minnhom li ser jinżammu. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur intalab jirrevedi il-*bill of quantities* biex jirrifletti t-tnaqqis li kien hemm, filwaqt li jidħol minflok ir-restawr tal-faċċati u s-sottobank fejn ser isir il-puġġaman iħares fuq Triq il-Marfa. Il-kuntrattur intalab ukoll jissottometti stima dwar id-dwal billi dawk li hemm fil-kuntratt inbidlu skont l-għażla tal-Kunsill.

2.3.3. Is-Segretarju għarraf li fid-dawl tat-tnaqqis li kien fl-aperturi u ż-żidiet imsemmija fil-minuta 2.3.2. inħareġ ir-rendikont li jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| **Spiża skont il-kuntratt** | €465,317.56 | |

| **Deskrizzjoni** | **Żidiet** | **Tnaqqis** |
|---|---|---|
| Tneħħija ta' Item 1.01 (Taraġ tal-Latrina) | | €850.00 |
| Tneħħija ta' Item 1.02 (Taraġ tal-Commando Bar) | | €4,200.00 |
| Tneħħija ta' Item 1.03 (Taraġ tal-Commando Bar) | | €1,300.00 |
| Tneħħija ta' Item 2.02b | | €2,600.00 |
| Differenza fl-Aperturi tal-Injam | | €42,947.00 |
| Tnaqqis ta'  4 bankijiet | | €5,410.24 |
| Restawr tal-Faċċati | €19,085.20 | |
| Differenza fid-Dwal tal-Arbli | €15,363.00 | |
| Bdil tas-Sottobank | €8,831.25 | |
| | €508,597.01 | €57,307.24 |

| | |
|---|---|
| Bilanċ inkluż il-5% CM fee u l-VAT | €451,289.77 |

| | |
|---|---|
| Total bil-5% CM fee imnaqqsa bil- VAT inkluża | €429,799.78 |
| Allokazzjoni fl-Estimi tal-Kunsill 2012 | €407,677.00 |

2.3.4. Intqal ukoll li wara li tqiegħed il-*cable* tal-Enemalta fis-*service culvert* u fit-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar, issa jonqos li titwaqqa l-kamra fejn kien hemm il-banka tal-lottu u jitneħħa l-puġġaman il-qadim. Is-siġra tal-ficus li fadal tinqala' ser titħawwel ħdejn l-oħrajn li diġa ġew trasferiti għal bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq Napuljun Caruana, wara l-Iskola Primarja.

2.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-varjazzjoni spjegata fil-minuta 2.3.3.

## 2.4.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li intalbu stimi dwar it-tfassil tal-sit elettroniku dwar il-proġett u l-pubbliċita` meħtieġa. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ser issir laqgħa mal-Fondazzjoni Arkeo dwar il-materjal informattiv li jeħtieg jiġi stampat fuq l-*information boards* li ser jindikaw il-*heritage trail*.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Arranġamenti tat-traffiku temporanji waqt ir-rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta peċedenti qal li kif kien imħabbar minn Transport Malta, fil-15 ta' Ġunju 2012, infetħet karreġġjata waħda f'Dawret il-Mellieħa mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Servizzi Soċjali mogħtija mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol II)**

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Siġurta` Soċjali ser jibdew jattendu wkoll fl-uffiċċju tal-Kunsill, nhar ta' Erbgħa u l-Ġimgħa bejn is-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru.

2.6.3. Is-Sindku rrefera għal artiklu miktub minn Dr Lorna Vassallo u ppubblikat fil-gazzetta "L-Orizzont" fit-30 ta' Mejju 2012. Fl-istess artiklu, ġie allegat li l-Kunsillieri ma kinux jafu b'dan is-servizz qabel beda jingħata. Hija kkummentat dwar l-fatt li l-ittra li ntbagħtet fid-djar, kienet iffirmata mill-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, Dr Chris Said u s-Sindku Robert Cutajar. Allegat ukoll li l-Kunsillieri kienu jafu biss permezz tal-istess ittra.

2.6.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li huwa jikkonferma li s-suġġett fil-fatt kien ġie diskuss mill-Kunsill, iżda dehrlu li l-ittra li ntbagħtet fid-djar ma kellhiex bixra, għalkemm kienet iffirmata mill-Onor. Chris Said u s-Sindku.

2.6.5. Is-Sur R. Cutajar irrimarka li mhux minnu li l-Kunsill ma kienx infurmat bis-servizz, għaliex dan joħroġ mill-minuti ta' tliet seduti konsekuttivi, li fihom ġie diskuss is-suġġett. Fir-rigward tal-ittra li ntbagħtet fid-djar, ma ntużat ebda *letter-head* peress li l-firmatarji kienu jirrappreżentaw istituzzjonijiet differenti. Is-Sindku għarraf li huwa wieġeb billi ċċara l-eżattezzi li kien hemm fl-artiklu ta' Dr Vassallo, permezz ta' ittra ppubblikata fl-istess gazzetta fil-ħarġa tal-15 ta' Ġunju 2012.

2.6.6. Il-Kunsill inotta t-tagħrif mogħti u qabel li l-kummenti li saru minn Dr Lorna Vassallo ma kienux korretti.

**2.7.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)**

2.7.2. Saret referenza għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti sabiex sar aċċenn li x-xogħol fuq il-post baqa' għaddej u rriżulta li l-pavimentar ikollu jinbidel kollu minħabba l-ammont ta' trinek li jridu jsiru. Intqal ukoll li qed tiġi pproċessata l-applikazzjoni dwar finanzjament tal-proġett mill-Fond għat-Titjib Urban (UIF). Fil-fatt il-MEPA talbet rapport minn persuna kwalifikata dwar is-siġurta` tal-bandli u r-*rubber flooring* li ser isir. Dan ir-rapport lest u ser jiġi sottomess. Is-Sur R. Cutajar qal li x-xogħol fuq il-bust ta' pittur George Fenech miexi sewwa.

2.7.3. Is-Segretarju qal li l-inklużjoni tal-paviment max-xogħol indikat fil-*bill of quantities*, jeħtieġ li jiġi stmat mill-kuntrattur, sabiex tiġi stabbilita l-ispiża nvoluta.

2.7.4. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

**2.8.1. Introduzzjoni ta' dwal fi Triq ir-Ramla tal-Bir (E/1/3/Vol VI)**

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li d-Direttorat tal-Ambjent fi ħdan il-MEPA ma' approvax illi il-fondi tal-EIPP imorru sabiex tiddawwal it-triq imsemmija minħabba konsiderazzjoni ambjentali.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.9.1. **Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)**

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.9.1. u għarraf li fuq parir tan-nutar u l-konsulent legali tal-Kunsill intalab, permezz ta' ittra datata 13 ta' Ġunju 2012 indirizzata il-Prim Ministru intalab jawtorizza l-akkwist tal-fond imsemmi billi l-vendituri ser jikkonservaw l-privileġġ speċjali, liema arranġament jista' jitqies bħala forma ta' self li jitlob l-approvazzjoni taħt l-Artiklu 3(2)(a) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

2.9.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar fuq din il-materja.

**2.10.1. Introduzzjoni ta' *bus shelter* u bankina fi Triq il-Kbira (B/6/Vol IV)**

2.10.2. Saret referenza għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti, sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat li Transport Malta rtiraw l-applikazzjoni li kellhom quddiem il-MEPA ntiża sabiex isir *bus shelter*, bankina u *pedestrian crossing* fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq Tas-Salib (faċċata ta' Triq Snajjin).

2.10.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.11.1. Rijabilitazzjoni tal-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/Vol V)

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kunsillieri J. Buttigieg u C. Bartolo attendew għall-sessjoni ta' tħawwil ta' siġar li ġiet organizzata mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate fis-16 ta' Ġunu 2012. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li l-proġett illi qed twettaq l-għaqda huwa wieħed interessanti. Biex dan ikun sostenibbli jeħtieġ li jsiru ġwiebi taħt it-triq fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Qasab u Triq il-Pont, kif diġa ġie diskuss f'seduti oħra.

2.11.3. Is-Segretarju qal li l-*Contracts Manager* kien issottometta żewġ applikazzjonijiet DNO fir-rigward tal-ġiebja fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Qasab u oħra kantuniera ma' Triq il-Pont. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ li tiġi stabbilita l-posizzjoni tas-servizzi li għaddejjin taħt wiċċ it-triq. Dan minħabba l-fatt, illi l-ispejjeż marbuta mal-ispostament tagħhom jista' jeċċedi dawk meħtieġa biex issir l-istess ġiebja.

2.11.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 2.12.1. Agia Napa Festival (K/1/5/4)

2.12.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti ppropona li flimkien mal-pittur Jonvic Borg, Carmen Sammut li taħdem il-bizzilla, għandha tintalab tieħu sehem il-pittriċi Charmaine Tanti. Is-Sur R. Cutajar talab li b'mod urġenti jiġu mressqa żewġt ismijiet oħra.

2.12.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-Festival imsemmi ser jiżvolgi f'Agia Napa bejn is-26 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2012. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jattendu l-Kunsillieri J. Buttigieg u C. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jakkumpanjawħ waqt din iż-żjara. Huwa fakkar li l-Muċipalita` ta' Agia Napa ser tipprovdi l-akkomodazzjoni għall-grupp kollu. Qal ukoll il-biljetti tal-arju huma €235-il wieħed, filwaqt li appella lill-persuni msemmija sabiex jikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom mill-aktar fis.

2.12.4. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikopri l-prezz tal-biljetti tal-ajru tal-parti uffiċjali li jammontaw għal €940, filwaqt li dawk tal-erba' parteċipanti l-oħra jiġu ssussidjati b'€35 kull wieħed li jammonta €140. Kien hemm qbil li din l-ispiża għandha ssir mill-vot tal-Ġemellaġġ Nru. 3803.

### 2.13.1. Nuqqasijiet fis-servizz tal-ġbir tal-iskart organiku u tindif ta' toroq urbani u rurali (K/6/1/Vol V)

2.13.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta għalkemm li tnejn mill-iscammels użati mill-kuntrattur inkarigat mill-ġbir tal-iskart organiku ma kienux disponibbli sabiex jiġu spezzjonali mill-inġinier imqabbad mill-Kunsill, jidher li l-ilmenti dwar it-tixrid ta' likwidu fit-toroq kienu waqfu.

2.13.3. Minn-naħa l-oħra, il-livell tas-servizz mogħti mill-kuntrattur inkarigat mit-tindif tat-toroq urbani kien ta' tħassib. Is-Sur R. Cutajar għarraf li saret laqgħa mal-kuntrattur Euro Clean Ltd. Għall-istess laqgħa kienu preżenti wkoll, il-*Contracts Manager* u s-Segretarju Eżekuttiv, fejn irriżulta li mhux qed isir użu mill-*mechanical sweeper*, kif ukoll li t-tindif qed isir bl-idejn. L-istess kuntrattur qed jikkontendi li huwa ħa din id-deċiżjoni billi vetturi pparkjati jxekkluħ milli jopera b'mezzi mekkanizzati. Euro Clean Ltd ġew infurmati li dan il-mod ta' tindif kellu jiġi approvat mill-Kunsill. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li għalkemm din ir-raġuni hija valida għal ċerti toroq, jeżistu oħrajn fejn ma jsir ebda pparkjar. L-istess kuntrattur ġie avżat li b'konsegwenza ta' dan, ser ikun hemm tnaqqis fil-pagament li huwa ser jitlob għax-xahar ta' Ġunju 2012.

2.13.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li Euro Clean Ltd qed juru anke nuqqasijiet fir-rigward tat-toroq mhux urbani. Huwa semma ż-żona ta' Għajn Tuffieħa bħala eżempju, fejn qed ikun *litter bins* mimlija li jdumu ma jitbattlu. Is-Sindku ppropona li jitpoġġew aktar *bins*.

2.13.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/06/12
- Skeda ta' Pagamenti – 24/05/12 – 15/06/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 09/05/12 – 11/06/12

- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport Amministrttiv 2011;
- Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri għas-Sena Finanzjarja 2011

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Għoljiet (T/3/2/Vol IX)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' Mejju 2012 mibgħuta mis-Sur Tony Waring, fejn ipproponu li jsiru *speed humps* fi Triq l-Għoljiet.

4.1.3. Il-Kunsill kien konvint li l-abbuż imsemmi jsir minn numru żgħir ta' sewwieqa li forsi jista' ikkontrollat permezz ta' infurzar tal-liġi mill-Gwardjani Lokali. Ittieħed in konsiderazzjoni li l-miżura proposta tikkawża l-ħsejjes li joħolqu nkonvenjent lill-istess residenti.

### 4.2.1. Parkeġġ fi Triq Sant' Anna (T/3/2/Vol IX)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Ġunju 2012, mibgħuta mis-sidien ta' negożji li joperaw fl-istess triq, sabiex jiġi ntrodott ipparkjar limitat bil-ħin sa massimu ta' 120 minuta fit-triq imsemmija.

4.2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, iżda kien tal-fehma li l-ħin għandu jkun limitat għal 45 minuta, bħal fil-każ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

### 4.3.1. Parteċipazzjoni fil-*Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

4.3.2. Is-Segretarju aċċenna għall-Memo 26/2012 datat 18 ta' Ġunju 2012, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill qed jintalab jissottometti proposta biex jiġi osservat jum mingħajr karozzi fil-Mellieħa. Il-proposti approvati jistgħu jingħataw sa massimu ta' €2,000 biex jiffinanzjaw l-attivita`. Inġibdet l-attenzjoni li d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija s-16 ta' Lulju 2012.

4.3.3. Minħabba l-arranġamenti tat-traffiku temporanji fis-seħħ sakemm għaddejjin ix-xogħlijiet fuq Dawret il-Mellieħa, il-Kunsill qabel li l-attivitajiet marbuta mal-*Car Free Day* għandhom jiżvolġu fi Triq Selmun, qrib il-Park tal-Familja.

### 4.4.1. Parkeġġ riżervat għal persuna b'diżabilita` fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/8/2/Vol III)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 16 ta' Mejju 2012, mibgħuta minn Transport Malta dwar it-tneħħija ta' *reserved parking area* allokata lil familja li għandha persuna b'diżabilita` residenti fl-imsemmija triq. Skont l-istess ittra, l-istat tal-persuna konċernata tjieb tant, li tista' timxi aħjar u għalhekk ma jimmeritahiex li jkollha din il-faċilita`. Għaldaqstant, l-istess awtorita` talbet lill-Kunsill sabiex ineħħi l-marki li hemm fit-triq faċċata tar-residenza tagħha.

4.4.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li huwa ltaqa' mal-missier ta' din il-persuna, li kkonferma illi kien hemm titjib fl-abbilta` ta' bintu li timxi, iżda l-kundizzjoni tagħha kienet għadha 'il bogħod min-normalita`.

4.4.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill unanimanent kien tal-fehma li d-deċiżjoni meħuda minn Transport Malta kienet prematura għaliex il-kundizzjoni tal-persuna konċernata għadha timmerita dan il-benefiċċju minkejja xi titjib li seta' kien hemm fil-kundizzjoni fiżika tagħha. Il-Kunsill osserva wkoll li jeżistu persuni fil-lokalita` li l-istat ta' saħħithom huwa relattivament aħjar mill-persuna konċernata u qed jibbenefikaw minn faċilitajiet simili mingħajr skrutinju daqshekk strett min-naħa tal-awtoritajiet regolatorji. Għaldaqstant ġie deċiż li m'għandha tittieħed ebda azzjoni min-naħa tal-Kunsill, filwaqt li din il-posizzjoni għandha tiġi komunikata lill-Transport Malta, lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` u lill-Ministeru ta' l-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni.

### 4.5.1. Skema Tagħlim Tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*) (E/3/1/Vol III)

4.5.2. Saret referenza għal Memo 27/2012 datat 19 ta' Ġunju 2012, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li permezz tiegħu tħabbar li reġgħet ħarget l-iskema li tipprovdi għajnuna finanzjarja sabiex jingħataw korsijiet f'diversi suġġetti għas-sena 2012, kif jidher hawn taħt:

<u>Korsijiet taħt Sezzjoni A</u>
Id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja qed joffri mill-ġdid korsijiet fil-livell bażiku fil-Malti, l-Ingliż. u s-Somom. Dawn it-tliet korsijiet ser jingħataw lir-residenti Maltin li għad għandhom diffikultajiet fil-litteriżmu u jingħataw mingħajr ħlas.

<u>Korsijiet taħt Sezzjoni B</u>

- Il-Malti bħala Lingwa Barranija *(Maltese for foreigners)*
- L-Ingliż bħala Lingwa Barranija *(English for foreigners)*
- Il-Franċiż
- Il-Ġermaniż
- L-Ispanjol
- It-Taljan
- Ir-Russu
- L-Għarbi
- Xogħol tal-Bizzilla *(Lace-Making)* u
- Kors qasir dwar *Energy Saving Initiatives at Home*

4.5.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jagħżel korsijiet taħt Sezzjoni B, li jinkludu l-Malti, il-Franċiż u l-kors dwar *Energy Savings Initiatives at Home.*

### 4.6.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq Tas-Salib (T/3/2/Vol IX)

4.6.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal ittra datata 11 ta' Ġunju 2012, mibgħuta mis-sid tal-ħanut "Il-Qasrija" li jinsab fi Triq Tas-Salib, faċċata ta' Triq in-Nasses

4.6.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li t-talba kienet ġejja minn sid ta' ħanut partikulari u kemm-il darba jiġi allokat spazju quddiemu, ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minnu negozji oħra li hemm fil-qrib. Għaldaqstant ikun tajjeb li ssir konsultazzjoni mas-sidien tan-negozji l-oħra li hemm fil-qrib qabel tittieħed deċiżjoni finali. Kien hemm qbil ukoll li l-faċilita` mitluba m'għandiex tiġi allokata faċċata tal-istess ħwienet sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent għar-residenti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Ġunju 2012.

5.3. Is-Sindku rrefera għall-*item* 59 dwar il-biljett tal-ajru Malta / Brussel sabiex huwa jkun jista' jattendi l-laqgħa l-i*Steering Committee* tal-EDEN fit-3 ta' Lulju 2012. Huwa qal li ser tingħata rifużjoni ta' dawn l-ispejjeż mill- EDEN Network fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea. Is-Sur R. Cutajar qal li minn Brussels huwa ser imur Turin biex jikkonkludi l-arranġamenti meħtieġa għat-konferenza taħt il-Proġett *Terra Mirabilis* li ser issir f'Malta f'Ottubru 2012, li wkoll ser tkun iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Il-vjaġġ minn Turin għal Malta ser issir bil-linja tal-ajru Ryanair bi spiża €52 u hekk ser jiġu ffrankati l-ispejjeż tal-ivjaġġar. Huwa qal li ser ikun akkumpanjat mis-Sur Stephen Borg mis-Segretarjat tal-Kunsill, li qed jikkordina din il-konferenza.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn l-24 ta' Mejju u l-15 ta' Ġunju 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku <u>www.gov.mt</u>.

### 7.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ u l-Iljieli Melleħin 2012 (A/5/5/Vol IV)( A/5/3/5/Vol IV)(P/10/18)

7.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li tlesta l-programm għall-Festa ta' San Ġwann li ser issir fil-21 ta' Ġunju. Huwa spjega li din ser tibda bil-qari tal-bandu minn Triq Sant' Anna fis-7.00pm. Il-bandu jdur għal Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-pjazza, fejn ikun hemm programm mużikali qasir mill-Banda Imperial, segwit programm simili mtellgħa mill-Banda La Vittoria F'dak li jirrigwarda spettaklu ser ikun hemm żfin minn studenti tal-Artemocion Dance

Studio, u l-Fondazzjoni Kumittiva Għawdex. Hekk kif jintemm dan, tinħaraq il-ħuġġieġa tradizzjonali.

7.3. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li dawk kollha li ser jgħatu sehemhom għandhom jingħataw tifkira ta' din l-okkażjoni.

7.4. Is-Sindku għarraf li saru arranġament biex jitwaħħal *bill board* fit-telgħa ta' Selmun, kif ukoll ġew ippubblikati riklami tal-attivita` fil-gazzetti *Illum* u l-*MaltaToday*, kif ukoll fuq l-intranet tal-Gvern.

7.5. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

7.6. Is-Sindku ressaq abbozz tal-kontenut ta' l-Iljieli Mellehin 2012, li ser jiżvolġu bejn is-16 u d-19 ta' Awwissu 2012, kif jidher hawn taħt:

**Il-Ħamis – 16 ta' Awwissu**

Il-Post għadu mhux ikkonfermat
- Ftuħ Uffiċjali
- Serata Mużiko-Letterarja ta' tifkira lill-Artist Mellieħi George Fenech bil-parteċipazzjoni tas-sopran Andreana Yordanova, Damian Buhagiar u l-kwartet tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina
- Jinqara ħsieb dwar George Fenech mis-Sur Alfred Vella
- Kanzunetti minn Annabelle Debono u Philip Vella
- Diskors tal-okkażjoni mis-Sindku
- Inawgurazzjoni tal-bust ta' Goerge Fenech fi *Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ
- Jinqara ħsieb qasir fuq Maestro Carmel Muscat
- Wirja ta' xogħlijiet ta' Goerge Fenech
- Artisti u prodotti lokali.

**Il-Ġimgħa – 17 ta' Awwissu**

Misraħ iż-Żjara tal-Papa
- Wirjiet u prodotti minn għaqdiet u ndividwi Melleħin
- Parteċipanti minn Agia Napa

Misraħ il-Parroċċa
- Wirja tal-karozzi (*Dragsters*)
- Varjeta' muzikali minn Simon Vella Band

Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa
- Kor Ungeriż
- Kor tal-Knisja Parrokkjali mmexxi minn Victor Cutajar

Palk fin-naħa ta' fuq ta' Triq Ġorġ Borg Olivier
- Kantanti pprovduti minn Artemocion
- Banda Ġermaniża

**Is-Sibt, 18 ta' Awwissu (filgħodu)**

Bajja tal-Għadira
*Blue Flag Event*
*Free Canoeing* u *Free Diving Sessions*

Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II
- Wirjiet u prodotti minn għaqdiet u ndividwi Melleħin
- Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial

Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau
- Wirja ta' żfin minn Artemocion Dance Studio
- Kanzunetti minn Damian Buhagiar
- Déjà Vu
- Varjeta' Muzikali minn diversi kantanti
- Marċ folklorisitku mill-Grupp Simar
- Wirja ta' vetturi

<u>Misraħ il-Parroċċa</u>

- Varjeta' Muzikali mill-Grupp Jamm

**<u>Il-Ħadd 19 ta' Awwissu</u>**

<u>Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II</u>

- Wirjiet u prodotti minn għaqdiet u ndividwi Melleħin

<u>Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa</u>

- Kor tas-Societa` Filarmonica La Vittoria

<u>Bitħa tas-Santwarju</u>

- Film mużikali 'Imħabba fuq il-Għolja'

<u>Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau</u>

- Keith Dance Studio
- Kunċert live – Ozzie Lino u Chiara
- Salmel Folk Group

<u>Misraħ il-Parroċċa</u>

- Wirja ta' Vetturi
- Kant mit-tfal

<u>Palk fin-naħa ta' fuq ta' Triq Ġorġ Borg Olivier</u>

- Kor tat-Tfal tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina

7.7. Bħala preżentaturi tas-serati indikati aktar 'il fuq issemmew Antonia Micallef, Marbeck Spiteri, Anna Bonett, Tiziana Calleja, Lisa Spiteri u preżentaturi Melleħin.

7.8. Huwa fakkar li l-Kunsill ser jibbenefika minn għotja ta' €10,000 taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, kif ukoll minn xi għotjiet oħra ġejjin minn entitajiet kummerċjali.

7.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar jekk huwiex jittieħed in konsiderazzjoni li fid-dati msemmija fil-minuta 7.6, ikun għadu għaddej ix-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa.

7.10. Is-Sindku, wieġeb illi l-karreġġjata li nfetħet f'Dawret il-Mellieħa tista' tintuża għat-traffiku li jkun ġej miċ-Ċirkewwa, filwaqt li dak ġej minn San Pawl il-Baħar u l-Manikata jkun jista' jinżel mit-Triq tal-Wied Ta' Rdum u Triq tal-Prajjet. Huwa fakkar ukoll li dan l-arranġament ser ikun limitat għas-siegħat ta' filghaxija. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ġie nkarigat sabiex jikkordina l-arranġamenti tat-traffiku meħtieġa.

7.11. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fir-rigiward tal-Iljieli Melleħin.

## 8.1. Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri – Sena Finanzjarja 2011 (F/1/2/Vol VIII)

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2011, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

8.3. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba, li ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi r-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-Sena 2011, ġie approvat fis-Seduta Nru. 68 tal-11 ta' April 2012, liema dokument ġie mgħoddi lill-Awditur Ġenerali skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Regolamenti 16 u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-budget tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2011 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku*.".** **(F/1/1/Vol II)**

9.2. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

9.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-istess dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 10.1. Konkors Sportivi Melleħin tas-Sena (S/4/4)

10.2. Skont kif kien deċiż fis-Seduta 59 tat-13 ta' Settembru 2011, il-Kunsillier J. Buttigieg issottometta linji gwida dwar kif għandhom jiġu nnominati atleti u/jew uffiċjali għar-raba' edizzjoni tal-konkors imsemmi.

10.3. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li bejn kull kriterju nkluż fil-lista għandha tidħol il-kelma "jew" għaliex f'każ li ma jsirx hekk tista' tingħata l-impressjoni li wieħed jeħtieġ li jissodisfahom kollha biex ikun eliġibbli. Qal ukoll li jeħtieġ jiġi diskuss x'ser tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' sportivi Melleħin li huma kkunsidrati bħala *elite* fuq bażi nazzjonali, li attwalment jeżistu tnejn minnhom residenti fil-lokalita`. Jirriżulta wkoll li l-ġurija qed tkun differenti kull sena u għalhekk dawn mhux qed ikunu konxji dwar minn ikun ġie nominat u/jew ingħata premju f'edizzjonijiet preċedenti.

10.4. Is-Sindku kkummenta li għandu jibqa' jingħata rikonoxximent lis-suċċessi illi jiksbu sportivi kkunsidrati fost l-*elite*, partikularment f'kompetizzjonijiet internazzjonali. Dan minkejja li isimhom jidher kull sena fost ir-rebbieħa fil-kategorija tagħhom.

10.5. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li l-kliem "atleta / uffiċjal" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "sportiv / uffiċjal sportiv", li huwa aktar preċiż. Huwa qal ukoll li l-eta` massima fir-rigward tal-kategorija dwar sportivi promittenti għandha tkun tmintax-il sena.

10.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-kriterji addottati għandhom ikun kif jidher hawn taħt:

**Min huwa eliġibbli li jiġi nominat:**

1. sportiv/uffiċjal sportiv (ragel jew mara) li jifforma parti minn tim li huwa rikonoxxut fil-Mellieħa; jew
2. sportiv/uffiċjal sportiv li jifforma parti minn tim b'affiljazzjoni ma' entita` nazzjonali f`isem il-komunita` tal-Mellieħa; jew
3. sportiv/uffiċjal sportiv li jkun jipprattika dixxiplina sportiva f'tim jew fuq bażi ndividwali; jew
4. sportiv/uffiċjal sportiv li jkun jipprattika dixxiplina sportiva fuq bażi individwali jew f`tim u li huwa residenti jew għandu dixxendenza Melleħija jew mill-Manikata; jew
5. sportiv/uffiċjal sportiv ta' dixxendenza Melleħija li jipprattika sports mhux f`timijiet Melleħin, iżda li jifforma parti minn timijiet oħra fil-gżejjer Maltin; jew
6. Atleta/uffiċjal sportiv li huwa ta' dixxendenza Melleħija li mhux neċessarjament jipprattika l-isport favorit tiegħu fil-gżejjer Maltin.

**Min jista` jinnomina:**

1. Resident li l-karta ta` l-identita` tagħhom tidher fuq l-aħħar reġistru elettorali għall-lokalita` tal-Mellieħa.
2. Għaqda jew soċjeta` reġistrata fil-Mellieħa, li mhux neċessarjament tkun għaqda sportiva.

**Kategoriji**

1. 'L-Isportiv Mellieħi tas-Sena';
2. 'L-Isportiva Melleħija tas-Sena';
3. 'L-Uffiċjal Mellieħi/Melleħija tas-Sena';

4. 'L-Aħjar Att Sportiv';

5. 'L-Atleta Prommittenti tas-Sena'- li l-eta` tiegħu ma taqbisx it-tmintax il-sena (premju li jissemma għaż-żagħżugħ Mellieħi li miet ftit tas-snin ilu – Jonathan Abela); u

6. 'It-Tim Sportiv Mellieħi tas-Sena'

7. Premju ta' Rikonoxximent għal Persuna li Ħadem b'Riżq l-Isports fil-Mellieħa (premju li ser jingħata fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali Mellieħa u ser jissemma għal Adrian Bartolo).

8. premju ghall-Isportiv/a *Elite* li huwa/hija rikonoxxut/a bħala tali mill-Kunsill Malti għall-Isports u l-Kumitat Olimpiku Malti għall-akkwist ta' titlu prestiggjuż tas-sena.

10.7. Il-Kunsill qabel ukoll li l-attivita` issir nhar is-Sibt, 28 ta` Lulju 2012, bir-riżultat jitħabbar dakinhar tas-serata. Ġie deċiż ukoll li l-formoli tan-nomini għandhom jaslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sa mhux aktar tard mill-Hamis, 12 ta` Lulju 2012 f`nofsinhar

## 11.1. Proġett *Plan Today Act Tomorrow* (P/10/17)

11.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għad-dikussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-seduta Nru. 65 tal-31 ta' Jannar 2012 u għarraf li attwalment għaddejjin it-tħejjijiet sabiex sitt żgħażagħ Melleħin jipparteċipaw ma' oħrajn mil-Latvia bejn l-14 u l-24 ta' Lulju 2012.

11.3. Is-Sindku ppropona li l-Viċi Sindku E. Bartolo għandu jmexxi l-grupp. Is-Sur R. Cutajar qal li diġa ġew indikati erba' żgħażagħ minn fost dawk li applikaw biex jipparteċipaw f'AvventuraSajf 2012, iżda ma' setgħux jiġu aċċettati minħabba li n-numru ta' dawk meħtieġa kien hemm biżżejjed. Huwa qal li issa jonqos tnejn oħra u għalhekk talab lill-kunsillieri sabiex jindikaw żewġ persuni li jkunu fl-etajiet bejn 18 u 25 sena.

11.4. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li dan il-proġett huwa ser ikun iffinanzjat taħt il-programm tal-Unjoni Ewropea – Youth In Action, fejn 70% tal-ispejjeż tal-ivjaġġar jitħallsu mill-istess programm, filwaqt li t-30% jitħallsu miż-żgħażagħ. Huwa qal li l-ispejjeż tal-biljetti tal-ajru jiswew madwar €310-il wieħed, li jammontaw għal €2,170. €110 ser jitħallsu mill-parteċipanti. Is-Sindku appella li dawn inizjalment jiġu koperti mill-Kunsill, filwaqt li ssir talba taħt l-Iskema ta' Kofinanzjament.

11.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

## 12.1. Użu ta' art pubblika f'Għajn Tuffieħa (A/6/2)

12.2. Is-Sindku rrefera għal rapport lid-Dipartiment tal-Artijiet li sar minn persuna li ma tħallietx tagħmel użu mill-parkeġġ li hemm quddiem l-Apple's Eye Restaurant f'Għajn Tuffieħa. Skont l-istess persuna, dan qed jikkontrolla l-użu ta' din l-art sabiex jużawha l-klijenti tiegħu, minkejja li din ma tapparjeniex lilu. Id-Dipartiment tal-Artijiet ikkonferma li l-art hija pubblika, filwaqt li qatt ma ġiet allokata lill-operaturi tal-istabbiliment imsemmi.

12.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-operatur tar-ristorant imsemmi jgħid li huwa jagħlaq id-dħul għall-parkeġġ sal-10.00am, għaliex jekk ma jagħmilx hekk, dan jiġi okkupat il-ġurnata kollha mill-impjegati tal-lukanda Golden Sands. Huwa qal ukoll li l-*management* tal-istess lukanda jikkontrolla bl-istess mod il-parkeġġ ta' faċċata.

12.4. Is-Sindku wieġeb li mhux minnu li *management* tal-Goldens Sands qed jagħmel hekk, għaliex huwa nfurmat li sar arranġament sabiex l-art allokata lill-iScouts Association, tintuża bħala parkeġġ bi ħlas, minn klijenti tagħhom, waqt attivitajiet li jkun hemm fil-lukanda.

## 13.1. Estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrini pubbliċi (L/3/Vol II)

13.2. Is-Sur R. Cutajar ippropona, li kif sar fis-Sajf tas-sena preċedenti, il-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrini li jinsabu fl-Għadira (tan-nofs) u fir-Ramla tal-Mixquqa għandhom jiġu estiżi nħar ta' Ġimgħa, is-Sibt, u fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi u lejliethom, bejn id-9.00pm u nofs-il lejl. Fir-rigward tal-Armier u tal-Għadira (tal-ġenb), għandhom jiġu estiżi bl-istess ħinijiet, iżda nhar ta' Ġimgħa u fis-Sibtijiet biss.

13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kien hemm qbil li għandha tintalab stima mid-Direttorat tat-Tindif.

## 14.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fl-Armier (C/4/Vol III)

14.2. Is-Sindku staqsa dwar jekk huwiex ser jinżamm l-arranġament li kien hemm fis-sentejn preċedenti f'dak li jirrigwarda t-tqegħid ta' *caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fil-limiti tal-Armier.

14.3. Il-Kunsill qabel li jinżamm l-istess arranġament sakemm in-numru ta' *caravans* ikun madwar għoxrin.

## 15.1. Residenti tal-vileġġjatura fiż-żoni Tas-Sellum u Tal-Gerbulin (K/1/8/Vol II)

15.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf li minħabba l-problemi li jaffaċċja l-Kunsill bl-influss ta' residenti tal-vileġġjatura li jiġu minn lokalitajiet oħra, fit-13 ta' Ġunju 2012 reġgħet tqassmet ittra bieb bieb fiż-żewġ żoni illi ġibdet l-attenzjoni dwar nuqqasijiet li jinvolvu:

- Il-granet u ħinijiet tal-ġbir tal-iskart organiku u reċiklabbli;
- Is-servizz tal-iskart goff;
- Ingombru bid-dgħajjes u/jew il-karrijiet tagħhom;
- Ħmieġ fit-toroq ikkawżat minn annimali domestiċi; u
- Okkupazzjoni ta' parkeġġi għal skopijiet oħra tqegħid ta' siġġijiet u umbrelel fit-toroq u l-bankini.

15.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 16.1. Titjib fis-sit elettroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol V)

16.2. Is-Sindku għarraf li s-sit elettroniku tal-Kunsill http://mellieha.gov.mt ingħata dehra aktar attrajenti, filwaqt li ntrabat mas-sit http://www.gov.mt minn fejn wieħed ser ikun jista' jniżżel dokumentazzjoni bħalma huma rapporti, minuti eċċ.

16.3. Is-Segretarju fakkar li fost vantaġġi li hemm bis-sit elettroniku l-ġdid huwa li dan qed bil-Malti u bl-Ingliż, kif ukoll li jistgħu jiżdiedu paġni kemm ikun meħtieġ. Bl-arranġament il-ġdid u bi spiża ta' €295 kull sena bħala *hosting licence*, inkiseb spazju ta' 1 GB u *bandwith* bla limitu. Is-sit issa jista' jiġi segwit minn persuni bi bżonnijiet speċjali.

16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Tħejjijiet għal AvventuraSajf 2012 (E/3/4/Vol VIII)

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li għaddejjin it-tħejjijiet f'dak li huma l-persuni li ser ikunu nvoluti f'AvventuraSajf 2012. Huwa qal li l-kordinatur ser ikun l-għalliem Ralph Camilleri li diġa għandu esperjenza ġejja minn edizzjonijiet preċedenti. Huwa kkummenta li qed tingħata attenzjoni li l-miżata jeħtieġ li tkun regolata, fis-sens li s-sussidju li jalloka l-Kunsill ikun wieħed fil-livell aċċettabbli.

17.3. Is-Sindku għarraf li wara l-esperjenza tas-sena preċedenti, il-ġenituri ġew mitluba fil-formola tal-applikazzjoni sabiex jindikaw jekk it-tfal li ser jattendu għandhomx il-ħtieġa ta' *Learning Support Assistant*. Huwa qal li jista' jkun hemm każi fejn *LSA* wieħed ilaħħaq ma' iktar minn persuna waħda, filwaqt li jista' jkun hemm tfal li jirrikjedu *LSA* għalihom biss, minħabba l-kundizzjoni li jbagħtu minnha. Is-Sur R. Cutajar saħaq li m'għandhomx jiġu aċċettati tfal, kemm-il darba ma jinstabux persuni li jagħmluha ta' *LSA*'s.

17.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li hija *policy* tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni li meta *LSA* ikun indispost, isir użu minn *pool* ta' *LSA*'sli jkun *stand-by*. F'każ li dan jiġi eżawrit, il-ġenituri jiġu kkuntattjati sabiex ma jibgħatux it-tfal l-iskola.

17.5. Is-Sindku reġa ntervjena billi saħaq li kulħadd jeħtieġ li jifhem li AvventuraSajf il-Kunsill qed jagħti servizz b'aspett soċjali lill-familji Melleħin.

17.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li l-ħlas tal-*LSA* m'għandux ikun iktar minn €3.00 fis-siegħa, inkluż it-taxxa. Kien hemm qbil ukoll li l-miżata għal kull tifel għandha titla' għal €75.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-11.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2012, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**